



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Novembru 2022
(OR. en)

13825/22

LIMITE

CORLX 949
CFSP/PESC 1375
RELEX 1388
MAMA 172
MOG 105
CONOP 110
FIN 1117

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplementa r-
Regolament (UE) 2018/1542 li jikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-
proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta' ...

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2018/1542
li jikkonċerna miżuri restrittivi
kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1542 tal-15 ta' Ottubru 2018 li jikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L 259, 16.10.2018, p. 12.

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Ottubru 2018, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2018/1542.
- (2) Fl-20 ta' Awwissu 2020, Alexei Navalny, mexxej prominenti tal-oppożizzjoni fir-Russja, ġie avvelenat b'aġent nervin tossiku ta' grad militari tal-grupp Novichok, kif ikkonfermat minn laboratorji speċjalizzati fil-Ġermanja, Franza u l-Iżvezja, kif ukoll mill-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW). Dan l-avvelenament jikkostitwixxi użu ta' armi kimiċi skont il-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Iżvilupp, il-Produzzjoni, il-Ħażna u l-Użu ta' Armi Kimiċi u dwar il-Qerda tagħhom (il-'Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi') u ksur serju tad-dritt internazzjonali. L-Unjoni ttenni t-tħassib serju tagħha li l-Federazzjoni Russa ma rreaġixxietx għas-sejthiet internazzjonali għal investigazzjoni bir-reqqa u trasparenti fl-attentat ta' qtil kontra Alexei Navalny.
- (3) L-Unjoni kkundannat bil-qawwa l-użu ta' armi kimiċi mis-Sirja u n-nuqqas tagħha li tirrispetta l-obbligi internazzjonali tagħha skont il-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi kif sostanzjat permezz ta' investigazzjonijiet komprensivi u bir-reqqa mwettqa min-Nazzjonijiet Uniti u l-OPCW. L-Unjoni qajmet dan it-tħassib f'diversi fora u tħeġġeġ lis-Sirja biex terġa' lura għal konformità sħiħa mal-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi.

- (4) F'dak il-kuntest, u fid-dawl tat-theddida kontinwa kkawżata mill-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi, jenħtieġ li għaxar persuni u entità waħda jiġu inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2018/1542.
- (5) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness I għar-Regolament (UE) 2018/1542 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (UE) 2018/1542 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

Il-persuni u l-entità li ġejjin huma miżjuda taħt l-intestatura ‘Lista ta’ persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 2’ fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2018/1542:

A. PERSUNI FIŻIĊI

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-elenkar
"16.	Alexey Alexandrovich ALEXANDROV (Алексей Александрович АЛЕКСАНДРОВ) magħruf ukoll bħala Alexey Andreevich FROLOV (Алексей Андреевич ФРОЛОВ)	Sess: raġel; Data tat-twelid: 16.6.1981 jew 16.6. 1980; Nazzjonalità: Russa	Alexey Alexandrov huwa aġent tas-Servizz Federali tas-Sigurtà Russu (FSB) li jaħdem bħala operatur tal-Istitut tal-Kriminalistika. F'dik il-kapaċità, huwa kien involut direttament fit-tħejjijiet għal u l-eżekuzzjoni tal-avvelenament ta' Alexei Navalny b'aġent nervin tat-tip Novichok f'Tomsk fl-20 ta' Awwissu 2020, li jikkostitwixxi użu ta' armi kimiċi skont il-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi. Għalhekk, Alexey Alexandrov kien involut fi tħejjijiet għall-użu ta' armi kimiċi kif ukoll fl-użu ta' armi kimiċi.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-elenkar
17.	Vladimir Alexandrovich PANYAEV (Владимир Александрович ПАНЯЕВ) magħruf ukoll bħala Vladimir ALEXEEV (Владимир АЛЕКСЕЕВ) magħruf ukoll bħala Vladimir ALEXEYEV (Владимир АЛЕКСЕЕВ)	Sess: raġel; Data tat-twelid: 25.11.1980; Post tat-twelid: Serdobsk, Russian Federation; Nazzjonalità: Russa	Vladimir Panyaev huwa aġent tas-Servizz Federali tas-Sigurtà Russu (FSB) li jaħdem bħala operatur tal-Istitut tal-Kriminalistika. F'dik il-kapaċità, huwa kien involut direttament fit-tnejn għal u l-eżekuzzjoni tal-avvelenament ta' Alexei Navalny b'aġent nervin tat-tip Novichok f'Tomsk fl-20 ta' Awwissu 2020, li jikkostitwixxi użu ta' armi kimiċi skont il-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi. Għalhekk, Vladimir Panyaev kien involut fi tnejn għall-użu ta' armi kimiċi kif ukoll fl-użu ta' armi kimiċi.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-elenkar
18.	Ivan Vladimirovich OSIPOV (Иван Владимирович ОСИПОВ) magħruf ukoll bħala Ivan Vasilyevich SPIRIDONOV (Иван Васильевич СПИРИДОНОВ)	Sess: raġel; Data tat-twelid: 21.8.1976 jew 21.8.1975; Nazzjonalità: Russa	Ivan Osipov huwa aġent tas-Servizz Federali tas-Sigurtà Russu (FSB) li jaħdem bħala operatur tal-Istitut tal-Kriminalistika. F'dik il-kapaċità, huwa kien involut direttament fit-tħejjijiet għal u l-eżekuzzjoni tal-avvelenament ta' Alexei Navalny b'aġent nervin tat-tip Novichok f'Tomsk fl-20 ta' Awwissu 2020, li jikkostitwixxi użu ta' armi kimiċi skont il-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi. Għalhekk, Ivan Osipov kien involut fi tħejjijiet għall-użu ta' armi kimiċi kif ukoll fl-użu ta' armi kimiċi.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-elenkar
19.	Artur Aleksandrovich ZHIROV (Артур Александрович ЖИРОВ)	Sess: raġel; Data tat-twelid: 6.7.1961; Nazzjonalità: Russa	Artur Zhirov huwa espert dwar l-armi kimiċi u Direttur tal-SC Signal, istitut ta' riċerka li ġie marbut mal-programm tal-armi kimiċi tar-Russja. Bħala Direttur ta' SC Signal, Artur Zhirov ipprova appoġġ tekniku għall-operazzjonijiet kontra Yulia Navalnaya u Alexei Navalny li saru f'Kaliningrad fis-6 ta' Lulju 2020 u għall-ippjanar tal-avvelenament sussegwenti ta' Alexei Navalny b'aġent nervin tat-tip Novichok f'Tomsk fl-20 ta' Awwissu 2020, li jikkostitwixxi użu ta' armi kimiċi skont il-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi. Għalhekk, Artur Zhirov kien involut fi tnejn għall-użu ta' armi kimiċi u huwa pprova appoġġ tekniku u materjali għall-użu ta' armi kimiċi.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-elenkar
20.	Kirill Yurievich VASILIEV (Кирилл Юрьевич ВАСИЛЬЕВ) magħruf ukoll bħala Kirill VASILYEV (Кирилл ВАСИЛЬЕВ)	Sess: raġel; Data tat-twelid: 22.2.1973; Nazzjonalità: Russa; Nru tal-Identità tat-Taħxa: 773721109701 (Russja)	Il-Ġeneral Kirill Vasiliev huwa d-Direttur tal-Istitut tal-Kriminalistika tas-Servizz Federali tas-Sigurtà Russu (FSB), li wettaq operazzjonijiet biex jissorvelja mill-qrib l-attivitajiet ta' Alexei Navalny fuq perjodu twil ta' żmien, inkluż matul il-vjaġġ tiegħu lejn Tomsk fejn ġie avvelenat b'nervin tat-tip Novichok fl-20 ta' Awwissu 2020. Dak l-avvelenament jikkostitwixxi użu ta' armi kimiċi skont il-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi. Kirill Vasiliev, fil-kapaċità tiegħu bħala Direttur tal-Istitut tal-Kriminalistika tal-FSB, ipprova l-qafas u d-direzzjoni operazzjonali biex titwettaq is-sorveljanza u l-attentat ta' qtil kontra Alexei Navalny. Għalhekk, huwa kien involut fi tnejniet għall-użu ta' armi kimiċi, huwa responsabbli għall-użu tal-armi kimiċi u huwa pprova appoġġ tekniku u materjali għall-użu ta' armi kimiċi.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-elenkar
21.	<p>Konstantin Borisovich KUDRYAVTSEV (Константин Борисович КУДРЯВЦЕВ) magħruf ukoll bħala Konstantin Yevgenievich SOKOLOV (Константин Евгеньевич СОКОЛОВ)</p>	<p>Sess: raġel; Data tat-twelid: 28.4.1980 jew 28.4.1981; Nazzjonalità: Russa;</p>	<p>Konstantin Kudryavtsev huwa espert dwar l-armi kimiċi u aġent tas-Servizz Federali tas-Sigurtà Russu (FSB) li jaħdem bħala operatur tal-Istitut tal-Kriminalistika.</p> <p>F'dik il-kapaċità, huwa kien involut direttament fit-tħejjijiet għal u fl-operazzjonijiet ta' tindif tal-avvelenament ta' Alexei Navalny b'aġent nervin tat-tip Novichok f'Tomsk fl-20 ta' Awwissu 2020, li jikkostitwixxi użu ta' armi kimiċi skont il-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi. Barra minn hekk, huwa ammetta l-involviment tiegħu f' talinqas operazzjoni oħra ta' tentattiv ta' avvelenament kontra Navalny fl-2017.</p> <p>Għalhekk, Konstantin Kudryavtsev kien involut fi tħejjijiet għall-użu ta' armi kimiċi kif ukoll fl-użu ta' armi kimiċi.</p>	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-elenkar
22.	Stanislav Valentinovich МАКШАКОВ (Станислав Валентинович МАКШАКОВ)	Sess: raġel; Data tat-twelid: 1966; Nazzjonalità: Russa;	Stanislav Makshakov huwa xjentist militari u Viċi Direttur tal-Istitut tal-Kriminalistika tas-Servizz Federali tas-Sigurtà Russu (FSB), li wettaq operazzjonijiet biex jissorvelja mill-qrib l-attivitajiet ta' Alexei Navalny fuq perjodu twil ta' żmien. Fil-kapaċità tiegħu bħala Viċi Direttur tal-Istitut tal-Kriminalistika, Stanislav Makshakov kien il-kmandant tat-tim ta' operaturi involuti fit-tnejjiet u l-eżekuzzjoni tal-avvelenament ta' Alexei Navalny b'nervin tat-tip Novichok f'Tomsk fl-20 ta' Awwissu 2020, li jikkostitwixxi użu ta' armi kimiċi skont il-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi. Għalhekk, Stanislav Makshakov kien involut fi tnejjiet għall-użu ta' armi kimiċi, huwa responsabbli għall-użu ta' armi kimiċi u huwa pprova appoġġ tekniku u materjali għall-użu ta' armi kimiċi.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-elenkar
23.	Vladimir Mikhaylovich BOGDANOV (Владимир Михайлович БОГДАНОВ)	Sess: raġel; Data tat-twelid: 17.7.1958; Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation; Nazzjonalità: Russa;	Vladimir Bogdanov huwa l-Kap taċ-Ċentru tat-Teknoloġija Speċjali tas-Servizz Federali tas-Sigurtà Russu (FSB), li huwa l-impriża omm tal-Istitut tal-Kriminalistika. F'dik il-kapaċità, Vladimir Bogdanov jissorvelja u jikkontrolla l-attivitajiet ta' dawk l-entitajiet. L-FSB wettaq operazzjonijiet biex jissorvelja mill-qrib l-attivitajiet ta' Alexei Navalny fuq perjodu twil ta' żmien, inkluż matul il-vjaġġ tiegħu lejn Tomsk fejn Navalny ġie avvelenat b'nervin tat-tip Novichok fl-20 ta' Awwissu 2020. Dak l-avvelenament jikkostitwixxi użu ta' armi kimiċi skont il-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi. Vladimir Bogdanov, fil-kapaċità tiegħu bħala l-Kap taċ-Ċentru tat-Teknoloġija Speċjali tal-FSB, ipprova l-qafas u d-direzzjoni operazzjonali biex titwettaq is-sorveljanza u l-attentat ta' qtil kontra Alexei Navalny. Għalhekk, huwa kien involut fi tnejn ta' għall-użu ta' armi kimiċi, huwa responsabbli għall-użu ta' armi kimiċi u huwa pprova appoġġ tekniku u materjali għall-użu ta' armi kimiċi.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-elenkar
24.	Chadi HOURANIEH	Sess: raġel; Data tat-twelid: 29.5.1979 Post tat-twelid: Damascus, Syria; Nazzjonalità: Kanadiża;	Chadi Houranieh huwa l-koproprjetarju tal-kumpanija MHD Nazier Houranieh & Sons Co, li topera fl-industrija tal-metalli u tfori liċ-Ċentru għall-Istudji u r-Riċerka Sirjani (SSRC) b'materjali użati fil-manifattura ta' sistemi ta' kunsinna ta' armi kimiċi. Għalhekk, Chadi Houranieh huwa responsabbli għall-ġhoti ta' appoġġ materjali għall-manifattura ta' armi kimiċi u huwa involut fi tħejjijiet għall-użu ta' armi kimiċi u b'hekk jikkontribwixxi għat-theddida kontinwa kkawżata mill-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-elenkar
25.	Mohammad Nazier HOURANIEH	Sess: raġel; Data tat-twelid: 6.5.1976 Post tat-twelid: Damascus, Syria; Nazzjonalità: Kanadiża;	Mohammad Nazier Houranieh huwa l-koproprjetarju tal-kumpanija MHD Nazier Houranieh & Sons Co, li topera fl-industrija tal-metalli u tfori liċ-Ċentru għall-Istudji u r-Riċerka Sirjani (SSRC) b'materjali użati fil-manifattura ta' sistemi ta' kunsinna ta' armi kimiċi. Għalhekk, Mohammad Nazier Houranieh huwa responsabbli għall-għoti ta' appoġġ materjali għall-manifattura ta' armi kimiċi u huwa involut fi tħejjijiet għall-użu ta' armi kimiċi u b'hekk jikkontribwixxi għat-theddida kontinwa kkawżata mill-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

B. PERSUNI ĠURIDIĊI, ENTITAJIET U KORPI

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-elenkar
"3.	MHD Nazier Houranieh & Sons Co	Indirizz: Zoukak Al Jin Abed Al Rahman Bn Al Kassem Street. Damascus, Syria; Telefown: (+963) 11-2210758, (+963) 11-2224349; Fax: (+963) 11-2235892; Web: https://houranieh.com/ Indirizz elettroniku: info@houranieh.com	MHD Nazier Houranieh & Sons Co hija kumpanija li topera fl-industrija tal-metalli u tforni liċ-Ċentru għall-Istudji u r-Riċerka Sirjani (SSRC) b'materjali użati fil-manifattura ta' sistemi ta' kunsinna ta' armi kimiċi. Għalhekk, MHD Nazier Houranieh & Sons Co tipprovdi appoġġ materjali għall-manifattura ta' armi kimiċi u hija involuta fi tħejjijiet għall-użu ta' armi kimiċi u b'hekk tikkontribwixxi għat-theddida kontinwa kkawżata mill-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.